MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Numru 526/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Anthony Pace Gasan**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Anthony Pace Gasan ta' 49 sena, bin Carmel u Grazia nee' Abela, imwieled Mtarfa fl-20 ta' Gunju, 1955 u residenti 2, Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Zabbar, detentur ta' karta ta' identita numru 453655(M) akkuzat talli:

1. fl-4 ta' Mejju 2003 f'Marsaxlokk, xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marki, sinjali jew emblemi imxebbhin b'qerq. 298(1)(f).

2. fl-istess cirkustanzi bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta. 298B.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqa' jippersisti anke meta l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat qeghdha issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-istqarrija minnu rilaxxjata u ikkunsidrat kemm il-fedina penali tieghu u l-ammissjoni f'dan l-istadju tal-proceduri.

Ghalhekk filwaqt li tiddikjarah hati, rat l-Artikoli 298(1)(f) u 298(b) tal-Kap 9 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' 8 xhur millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Relattivament it-talba taht l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 441 billi ma jirrizultax li l-imputat kien qatt precedentement mixli u kkundannat ghar-reat simili, kwindi ma tistax tigi applikata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------